## PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
## AVVIŻI 1 TA' SETTEMBRU 2019

**Jum Wied il-Għajn 2019**

Għada l-Ħadd 1 ta' Settembru 2019 huwa Jum Wied il-Għajn. Fid-9:15am quddiesa mmexxija mill-isqof Mons. Giovanni Cefai mssp, isqof ġdid Malti li qed jaqdi lill-Knisja ġewwa l-Peru', fejn is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl għandhom missjoni tagħhom. u wara l-quddiesa ikollna t-tberik tal-annimali fi Ġnien Sant'Anna, quddiem il-knisja.

**Kummissjoni Kateketika**

It-Tnejn 2 ta' Settembru 2019 fl-4.30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

***Splash and Fun***

It-Tlieta 3 ta' Settembru 2019 niltaqgħu għall-quddiesa tat-7:45am u wara qed norganizzaw ġurnata *Splash and Fun* għal kulħadd. It-tfal jiġu akkumpanjati minn adult. Biljetti mis-Sagristija.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Magħmudija Komunitarja**

Is-Sibt 7 ta' Settembru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Ħarġa għal-lejlet il-Festa tal-Vitorja, il-Mellieħa**

Il-Parroċċa ser torganizza ħarġa għal-lejlet il-festa tal-Vitorja, il-Mellieħa nhar is-Sibt 7 ta' Settembru 2019. Nitilqu minn ħdejn is-Sala Sant'Anna fis-7:30pm. Inżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Vitorja u wara naraw in-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika. Biljetti mis-sagristija u min jixtieq jibbukja post bilqiegħda waqt in-nar tal-arju ikellimna fis-sagristija.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Il-Ħadd 8 ta' Settembru 2019 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Jum Dinji tal-Anzjani 2019**

Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2019 fl-10:00am fl-okkażjoni ta' Jum Dinji tal-Anzjani fis-Santwarju Bażilika tal-Assunta, il-Mosta se ssir quddiesa mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 14 ta' Settembru 2019 fil-Kappella ta' Sant'Anna, iż-Żebbiegħ, Imġarr fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Settembru 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.
Għamilna lista ġdida tad-distributuri tal-Flimkien, għalhekk nixtiequ li kull minn iqassam il-fuljett jiċċekkja d-dettalji. Fejn hemm informazzjoni nieqsa jew mhux korretta iniżżluha jew nirranġawha. Hemm ukoll numru ta' toroq li jidher li mhux jitqassam il-fuljett. Jekk xi ħadd jixtieq jieħu dan l-impenn ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti. Grazzi.